# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru sittin (60) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju, 2016 fis-6.10pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | | |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku ppresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu moqrija mis-SE u dawn sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru fuq il-kopja awtentika ffirmata.

**Punti mill-Minuti:**

3. Is-Segretarju Eżekuttiv kien mitlub sabiex jagħmel *follow up* tal-ittra li ntbagħtet minn dan l-uffiċċju dwar il-każ tal-lampa tat-toroq li qabdet u għamlet ħsarat fuq propjeta' privata fi Triq il-Mitħna f'Awwissu, 2015.

4. Is-Sindku semmiet l-*Afternoon Tea* li kien organizzat il-bieraħ 22 ta' Mejju taħt is-sala tal-iskola primarja, filwaqt li hija rringrazzjat lil kull min attenda u qalet li xtaqet li meta l-KLM jorganizza xi attivita' soċjali, jkun hemm aktar konkorrenza mill-kunsillieri.

5. Dwar l-assenza mil-laqgħat tal-kunsillier Michel Farrugia, il-kunsillieri unanimament qablu illi din kienet aċċettata bħala raġuni valida. Michel Farrugia qal li xogħolu hu tali illi jkun irid minn għand ħaddieħor u d-dwejjaq tiegħu hu, illi jibqa' xogħol sa tard u ma jkunx jista' jattendi għal-laqgħat tal-KLM.

6. B'riferenza għas-seduta tal-arbitraġġ ta' Schembri Barbros vs il-Kunsill Lokali tal-Imqabba, s-seduta kienet diferita' biex is-SE ikun jista' jitla' mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba flimkien mas-Sindku u d-Deputat Sindku ġewwa Għawdex. S'issa għadu ma kienx appuntatat id-diferiment għal xi ġurnata oħra. Intant Charlene Zammit qalet li mit-*transcript* joħroġ li kien hemm laqgħa bejn Schembri Barbros u l-eks Sindku, Nicky Briffa. Fix-xhieda tagħhom ir-rappreżentanti ta' Schembri Barbros qalu li l-KLM kien qed jistenna l-fondi tal-Unjoni Ewropeja, biex iħallas.

7. Is-SE kien mitlub sabiex jibgħat *reminder* lil *Transport Malta* dwar il-propost sit alternattiv tal-venda biex minn Triq Karmenu Ciantar din timxi għal Triq il-Qrendi. Hawn intqal illi peress li issa ġejja l-festa tal-Madonna tal-Ġilju bil-fors irid ikun hemm ċertu tibdiliet temporanji għaliex l-għeluq tat-toroq se jkollu bil-fors jaffettwa l-andament tat-traffiku peress li x-xarabank ma tgħaddix meta jkun hemm l-armar fin-nofs. Is-SE kien mitlub sabiex jitlob lil *Transport Malta* ħalli jitwaħħlu n-notifiki mal-*bus-stops* fejn jinfurmaw illi dawn mhux se jkunu qed jintużaw b'mod temporanju waqt il-jiem tal-festa, minħabba l-armar. Intant is-Sindku qalet illi rridu naraw x'se jissuġġerixxu tal-każini dwar immaniġjar tat-traffiku fil-festa, matul il-laqgħa proposta mill-Pulizija. Hija qrat *e-mail* ta Michael Ghigo minn fuq il-*mobile phone* tagħha fejn qed ikun suġġerit li ssir laqgħa mhux biss mal-Pulizija iżda wkoll mas-Sur Charles Curmi tal-Aġenzija tal-Infurzar

tal-liġijiet (LESA).

8. Hija qalet ukoll illi f'laqgħa li kellha mal-każini kien diskuss il-kunċert ta' Jum l-Imqabba, fejn il-każini qablu illi tkun xi ħaġa sabiħa li fil-kunċert idoqqu t-tnejn separatement; l-ewwel nofs tal-kuncert iddoqq banda u fit-tieni nofs iddoqq oħra. Madankollu huma xettiċi li jsir dan minħabba n-nuqqas ta’ maturita' tar-residenti. Chris Spiteri qalilha matul il-laqgħa, illi l-bidla fuq il-palk bejn banda w’oħra tkun possibbli billi jinħoloq *feature* fuq il-kunsill biex jostor l-istorbju. Paul Spiteri irrimarka illi jekk isir dak propost, allura awtomatikament se nirdoppjaw l-ispiża tal-kunċert. Dwar din ir-rimarka s-SE qal illi l-KLMl irid issa joħroġ sejħa għall-offerti/kwotazzjonijiet biex ikun jista' jingħata dan is-servizz u l-baned tal-lokal għandhom ir-*right of first refusal* skont id-direttiva tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur. Intant Charlene Zammit qalet li l-*memo* ma treġix f’dan il-każ fejn qed nitkellmu fuq Jum l-Imqabba u l-KLM bilfors irid itella’ attivita’ bis-sehem tal-baned tal-lokal. Kien hemm qbil li jibqa’ kollox kif kien, għal issa.

9. Saret referenza għal-laqgħa li saret għar-residenti ta' Triq Valletta. Wara li nqrat ittra tas-Sur Rokku Camilleri fejn dan qed joġġezzjona talli wara l-laqgħa tneħħew il-linji s-sofor minn Triq Valletta b'tali mod illi issa qed ikunu ostakolati 50 *garage*, ttieħdet id-deċiżjoni illi ssir talba lil *Transport Malta* fuq dan bħalma ser issir oħra sabiex Triq Ħal Qormi tingħalaq b'*bollard* minn nofs u jkunu maħluqa żewg parkeġġi. Intant is-SE informa 'l KLM illi t-talba biex it-trakkijiet ta' ċertu daqs ma jibqgħux jgħaddu minn Triq Valletta kienet miċħuda minn *Transport Malta*. Se ssir talba oħra biex ikunu mpediti trakkijiet ta’ ċertu toqol.

10. Wara li l-KLM iddiskuta l-agressjoni li saret fuq gwardjan lokali fir-raħal tal-Imqabba, is-Sindku qalet illi qiegħed kontinwament isir tgħajjir u jingħad ukoll kliem dispreggjattiv mir-residenti fuq il-mezzi tal-*media* soċjali fil-konfront tas-Sindku u l-kunsillieri li dawnma fadlilhom xejn x’jaqsmu mal-gwardjani lokali. Dan l-aħħar, dan seħħ għal kontravenzjonjiet li ngħataw fi Triq il-Parroċċa. Il-KLM irrimarka illi l-gwardjani lokali la huma mpjegati tal-KLM u lanqas jieħdu ordnijiet minn għandu.

11. Dwar il-laqgħa mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bl-assistenza tal-Perit tal-KLM, Charlene Zammit qalet illi hija u s-SE iddiskutew il-problema tad-drenaġġ fi Triq Ganni Darmanin u l-probabbilita’ illi meta ssir Triq George Martin tiggrava l-problema tal-ilma tax-xita u wkoll il-bini tal-ġibjun il-miftuħ. F'din il-laqgħa kien hemm qbil illi l-proġett tal-bini tal-ġibjun ikun integrat fil-pjan nazzjonali tal-*istorm water* bil-għan li jkunu ttappjati fondi Ewropej. Tant illi dan intqal mis-Sur Jesmond Zammit li jaħdem mal-Onor Ministru Ian Borg. Intant dwar id-diffikulta' tad-drenaġġ, Charlene Zammit qalet illi waqt il-laqgħa nfurmawna li l-medda eżistenti se tkun devjata għal Triq Ħal Kirkop ħalli żgur ma tfurx aktar fl-għelieqi. Hija rringrazzjat lis-Sur Riolo tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma talli laqqagħna fl-uffiċċju tiegħu.

12. Is-SE kien mitlub sabiex jibgħat *reminder* lill-Kummissarju tal-Artijiet ħalli naraw x'qed isir fuq l-*expropriation* ta' Triq George Martin kantuniera ma’ Triq Mons Alfons Caruana.

13. Minħabba li rappreżentanti ta’ każin minnhom ma setgħux jattendu għal-laqgħa proposta mill-KLM dwar it-toqob tal-festa, issa ġiet posposta għall-31 ta' Mejju. Charlene Zammit stiednet lill-kunsillieri biex jattendu fil-waqt li s-SE tella' kopja ta' ftehim li kien sar diversi snin ilu sabiex jirregola t-tħaffir fit-toroq biex jintużaw mill-każini tal-banda.

14. Is-SE tella' kopja tal-kundizzjonijiet tal-kabbana fi Ġnien Tfal ir-Raħal, imsemmija fl-aħħar laqgħa. Charlene Zammit qalet illi tajjeb illi nikkonċedu l-post daqsxejn qabel biex min hu nteressat ikun jista' jagħmel estenzjoni tal-kabbana tal-injam biex ipoġġi xi żewġ imwejjed. Hija qalet illi fl-istess kundizzjonijiet ma hemmx kemm se tkun il-kirja, filwaqt li s-SE qal illi mal-ftuħ tal-kabbana hemm ukoll il-kundizzjoni taż-żamma u l-manutenzjoni tal-latrina pubblika inkluż il-

fatt illi jnaddafha hu stess. Dwar permessi tal-ikel, Paul Spiteri qal illi hawn tidħol il-*Malta Tourism Authority* u jista' jkun hemm diffikultajiet minħabba irwejjaħ tal-ikel. Paul Spiteri ppropona illi min jieħu l-kabbana permezz ta' *Expression of Interest* nistgħu nagħmlulu obbligu illi jmantni l-ġnien innifsu. Intant se npoġġu żewġ qsari kbar f'nofs it-teatru griek ħalli t-tfal ma jkunux jistgħu jilgħabu bil-ballun filwaqt li Michel Farrugia qal li peress li dan il-ġnien hu dedikat lit-tfal, dan l-atteġġjament tal-KLM ma jagħmilx sens.

15. Se niktbu lil *Greenpak u l-Green mt* ħalli jagħtuna l-proposti tagħhom dwar l-iskart riċiklat. Dan wara li kien stabbilit illi m'hemmx għalfejn noħorgu *expression of interest,* imbasta d-dipartiment għall-Gvern Lokali jkun nfurmat.

16. Grace Marie Mallia talbet lis-SE sabiex jagħtiha l-informazzjoni dwar ir-rapport li sar minn dan l-uffiċċju illi xi ħadd qabad u għolla ċint bla permess fi Triq Valletta.

17. Michel Farrugia qal li sar kliem mill-KLM illi ħadd ma jista' jwaħħal karti mal-faċċati tan-nies, biex ma jipparkjawx biex ikun jista' jitpoġġa *crane*. Is-SE qal li hemm kunsilli illi jġiegħlu lil min jagħmel il-permess iħallas tal-karti/stickers, meta fil-fatt aħna nagħtuhom karti A3 mingħajr ħlas.

18. Grace Marie Mallia qalet illi ċemplitilha Rita Abela Damato dwar *poster* li apparentement ma kienx twaħħal fin-*notice board* tal-KLM.

19. Dwar il-kontijiet tal-Perit William Lewis, Charlene Zammit qalet illi l-KLM jista' jħallas skont it-*tender document*. Minn naħa tagħna se nħallsuh għal dak li hu intitulat għalih. Intant Grace Marie Mallia qalet li għall-ammont li mhux dovut għandu jkollna *credit note*.

20. Għal kontijiet li hemm pendenti tal-Perit Anthony Bezzina, is-SE intalab jagħmel ir-rikonċiljazzjoni tagħhom u jitlob *statement* lill-Perit.

21. Grace Marie Mallia talbet sabiex il-kuntrattur Elle's Urban Services infakkruh għal stima ta' bankina li trid titwessa' fi Triq Valletta.

22. Minkejja li l-istima tal-bankina fi Triq Karmenu Ciantar kienet meqjusa bħala waħda għolja wisq, Charlene Zammit talbet illi jekk din issir għandha tkopri minn quddiem il-latrina pubblika sa Triq San Bażilju.

23. Dwar ix-xiri tal-uniformijiet, intqal illi l-*blouses* kienu kemm dawk tal-komma twila kif ukoll dawk tal-komma qasira u għalhekk fl-istima li tresqet fil-laqgħa preċedenti dehru jqumu ħafna flus.

**AGENDA**

24. Għal problema tat-*telephones*, għax in-nies mhux qed jaqbdu f'dan l-uffiċċju, kien deċiż illi tinbidel il-*PABX* u kien ukoll deċiż illi se mmexxu bl-orħos waħda, jiġifieri dik tal-*Go plc* għax hija materja urġenti. Charlene Zammit talbet illi jekk il-linji jkunu okkupati kollha, se jkun hemm *answering machine*.

25. Charlene Zammit qalet illi l-KLM irid jara x'se jagħmel biex inaddaf il-parti bejn il-*fence* tar-*runway* u fejn kien il-ħajt tat-triq, fi Triq tas-Sejba kif ukoll il-*by-pass* (triq arterja).

26. Grace Marie Mallia talbet ukoll stima oħra ma’ dik li diġa għandna ta' B Grima and Sons biex issir iż-żebgħa ta' Triq tas-Sejba. Dwar l-ispejjeż, Charlene Zammit qalet illi dawn nistgħu

nagħmlu talba għal rifużjoni tagħhom mir-Reġjun Nofsinhar.

27. Issemma' u nqala' wkoll il-kont tad-dawl li ħareg fuq is-Segretarju Soċjeta Mużikali Madonna tal-Ġilju fuq Ġnien biswit il-ġibjun. Dan se jitħallas mill-KLM filwaqt li Grace Marie Mallia talbet sabiex ikun hemm *change of consumer* u jibda' joħrog fuq il-KLM.

28. Charlene Zammit talbet lill-kunsillieri sabiex ilestu l-artiklu tagħhom sal-aħħar ta' din il-ġimgħa.

29. Kienu approvati l-*Payment Approval Sheets* numri 515 u 516 u l-laqgħa ntemmet fit-8.40pm u dik li jmiss se ssir nhar is-6 ta' Ġunju, fis-6.00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 6.6.16 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Eżekuttiv Sindku